KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-47 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2016 u li bdiet fis-2.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ:** | Is-Sinjorina Kasy Mercieca |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Din il-laqgħa bdiet fis-2.00 p.m. peress li qabel saru żewġ laqgħat oħra qosra ma' Mons. Anton Mizzi u ttieħdu xi ritratti tal-għoti ta' l-Innu Ta' Sannat għal ktejjeb u saret laqgħa oħra mal-Inġinier Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering dwar CCTV fl-entraturi tar-raħal u dwar il-fanali ta' Triq 28 ta' April 1688 għaliex 6 fanali minnhom jinsabu mitfija.

Għal din il-laqgħa attendiet għall-ewwel darba l-Ambaxxattriċi taż-żgħażagħ il-ġdida s-Sinjorina Kasy Mercieca. Is-Sindku f'isem il-Kunsill rringrazzjaha tal-interess u awguralha l-ħidma t-tajba. Hu talabha biex tgħati s-suġġerimenti tagħha u tipparteċipa waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Hu semmha li flimkien ma żgħażagħ oħra permez tagħha l-Kunsill jista' japplika ma' ERASMUS biex naraw x'nistgħu ngħamlu biex isir part exchange visits ma' żgħażagħ f'pajjiżi oħra.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 45 – 8 u Nru. 46 – 8 tal-laqgħa b'urġenza, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unnanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Mill-Minuti Nru 46 – 8 tal-laqgħa b'urgenza ta' nhar il-Ħamis 3 ta' April 2016 dwar l-applikazzjoni bin-numru: PA 05277/96 (To develop Ta' Ċenċ area into Malta's first 'Heritage Park' and 'Multi-ownership tourist hotel development' at Ta' Ċenċ – Ta' Sannat), is-Sindku

qal li s-Segretarju Eżekuttiv għamel appuntament mall-Electoral Commission dwar ir-referendum għal pariri mingħandhom kif dan għandu jsir.

## 2. Ktejjeb dwar l-Innu Ta' Sannat

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu għadda kopja tal-Innu Ta' Sannat lis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita biex jibdew jippreparaw biex fl-attivita' ta' Jum Sannat nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016 dan l-innu jindaqq għal-ewwel darba. Is-Sindku qal li għandu jiġi stampat ktejjeb ta dan l-Innu Ta' Sannat. Dan il-ktejjeb għandu jiġi stampat għand il-Gozo Press wara li ntalbet kwotazzjoni għal prezz ta' €945.00c fejn ser jiġu stampati 1000 wieħed biex jitqassam lil kull familja f' Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li wara li ġiet ikkuntattjata s-Sopran Georgina Gauci dan l-innu għandu jitkanta mad-daqq tal-pjanu u mhux mall-banda peress li l-ħoss tal-banda hu għoli ħafna.

## 3. L-Estimi Annwali 2016

Is-Segretarju Eżekuttiv kien iċċirkula permezz ta' imejl lill-Kunsill il-Baġit għas-sena 2016 mħejji minnu u mill-Accountant wara li din kienet tagħat spegazzjoni tiegħu fil-laqgħa preċedenti Nru. 45 - 8. Kien hemm qbil mill-membri preżenti tal-Kunsill li fejn ikun meħtieġ isiru l-aġġustamenti meħtieġa.

## 4. Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2016

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Jum Sannat din is-sena ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016. Hu  qal li s-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita ġa ġiet avviċinata minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv fejn talbu laqgħa mall-President u s-Segretarju tal-Banda għal dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel li din l-attivita għandha ssir fis-sala tal-iskola. Wara bħas-soltu jsir 'repo' żgħir. Ġie ssuġġeriet li jekk hu possibli jipparteċipa l-kor tat-tfal tal-parroċċa. Is-Sindku qal li ser jiġi mitlub lill-Headmistress tal-iskola Primarja ta' Sannat biex isir quiz mit-tfal tar-4 klassi dwar ir-raħal Ta' Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-avviż għall-appikazzjonijiet għal premju Ġieħ Sannat 2016 ser jitqassam mall-Bullettin tal-Parroċċa din il-ġimgħa u li l-applikazzjonijiet  ser jagħalqu nhar it-Tnejn 4 ta' April 2016 f'nofsinhar. Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni tal-Premju Ġieh Sannat 2016 ser jiltaqgħa nhar l-Erbgħa 6 ta' April 2016.

## 5. Car Show – Ġunju 2016

Is-Sindku qal lill-Kunsill li din is-sena ser terġa ssir il-Car Show x'aktarx fl-ewwel Ħadd tax-xahar ta' Ġunju, b'risq Puttinu Cares. Għandhu jsir stampar ta' posters, flyers u ċertifikati tal-parteċipazzjoni.

## 6. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi laqgħat li saru apposta mall-Kumpanija Vodafone dwar l-użu tat-tarmak tat-trinka flok fi Triq Ta' Ċenċ fejn ser isir it-tarmak. Il-

Perit tal-Kunsill flimkien mall-Project Leader tal-Vodafone kejlu kemm kien hemm tarmak propost. Dan ammonta għal 889 m². Wara qbil ma din il-kumpanija, l-Ministeru għal Għawdex u Transport Malta dan ser jintuża kollu fi Triq Skerla peress li l-Ministeru għal Għawdex ser jgħati wiċċ ġdid bit-tarmak lil Triq Ċenċ il-parti t'isfel. Il-Perit ġie mitlub biex jipprepara l-offerta għal parti li jifdal minn din it-Triq.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li saret talba għal laqgħa ma Transport Malta, s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv ġew mitluba jattendu nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 fejn ġew diskussi dawn il-materji:
   Parking bays Triq il-Kbira – T.M. qallu li bħalissa ma hemmx applikazzjoni għal no residential parking scheme
   It-Traffic Management ta' Junction Triq Ta' Ċenċ, Triq tal-Gruwa, Triq Marsilja u Triq Dun Luqa – T.M. qallu li din ġiet approvata fl-2012.
   Triq Ta' Ċenċ – sinjali ta parking bays ġew approvati
   Stop Sign – Triq Dun Xand Aquilina, Transport Malta ssuġġeriet li Triq Dun Xand Aquilina n-naħa tal-ex Arċipriet. T.M. ssuġġeriet li din tiġi one way tidħol biss minn naħa ta' isfel u no entry minn naħa ta' fuq.
   Traffic Managent Pjazza Santa Margerita – T.M. talbet biex dan jsir wara l-approvazzjoni tagħhom u biex isir dan għandhom jintbgħatu l-pjanti.

3. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qalu li nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar 2016, ġew mitluba jitilgħu Malta għal preżentazzjoni ta' Laptop lill-Kunsill flimkien ma tmien Kunsilli oħra li rebħu u li dan ser ikun għal użu tal-pubbliku. Dan ġa ġie 'formated' u għandu bżonn MS Office 2016 Home and Business (includes outlook) għal prezz ta' €250. Il-Kunsill qabel li dan jiġi nstallat.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellhu jordna fanal ieħor ġdid fil-belveder ta' Triq Skerla flok dak li kien hemm, peress li dan instab miksur nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2016. Dan hu t-tieni wieħed li kissru din is-sena. Għalhekk il-Kunsill għandu jgħamel bollards quddiemhom biex dawn jiġu protetti u biex nevitaw kull periklu bid-dawl. Il-Kunsill qabel ma dan.

5. Is-Sindku qal li dan l-aħħar sar att vandalu fuq żewġ mirja fi Triq Ċenċ u li dawn għandhom jinbidlu.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-ETC li kienu fl-iskema tal-Community Work issa ġew full time mall-Community Workers Scheme Enterprise Foundation minn nhar it-Tlieta 1 ta' Marzu 2016. Dawn issa ġew intitolati għal Vacation Leave u Sick Leave. Lil dawn il-ħaddiema ġa ġew iddelegati diversi xogħolijiet, wieħed fl-uffiċċju u l-oħrajn bħalissa għaddejin bix-xogħol ta qtugħ tal-ħaxix fit-toroq mhux urbani fosthom Triq Mġarr ix-Xini.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed tintalab kwotazzjoni biex isir il-ħrit tal-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-aktar fis.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-parti tal-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini hemm ħofor fondi u perikolużi. Għalhekk għandha tintalab lill-Perit biex issir kwotazzjoni biex din il-parti titqaxxar u tingħata mill-ġdid bil-konkos.

9. Is-Sindku qal li fi żmien li ġej ser isir l-patching fi Triq Xamgħan, qed nistennew lill-Kuntrattur biex ilesti l-materjal biex isir dan ix-xogħol.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ġie magħżul mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali biex jattendi għal konferenza taż-Żgħażagħ fi Strasbourg bejn id-19 u t-22 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill ġie mitlub iħallas parti mill-ammont. Dan hu ta' €270.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq urbani nduna li f'dan il-weekend laqtu u kissru il-bieba tal-bin mill-ġodda tal-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel li dan il-bin il-ġdid għandu jiġi rranġat.

12. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li t-tabelli ta' Triq Ta' Ċenċ, ta' Triq tal-Gruwa, t-tabelli ta' Speed limit fi 35 Triq il-Kbira għandhom jiġu ordnati ġodda għaliex bl-elementi naturali dawn ma għadhomx jidhru. Għandha ssir tabella oħra fi Triq Sannat (junction) biex tgħin aktar lil min ikun sejjer għal Mġarr. Il-Kunsill qabel ma dan.

13. Is-Sindku qal li mill-proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-istorm water culvert ta' Triq Dun Xand Aquilina minn Miżura 313 (it-tieni sejħa) wara li tħallsu l-kontijiet kollha mill-Paying Agency, il-Kunsill irid joħroġ l-ammont ta' €2016.32 lill-Gatt Tarmac Ltd.

14. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-bini tal-bankini jgħalaq nhar it-18.05.2016 u li jista jerġa jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-Kuntratt għal sena oħra sas 17.05.2017.

15. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt 06/2013 Tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat u l-Kuntratt 08/2013 Servizz ta' Perit ser jiskadu fl-Lulju li ġej. Il-Kunsill qabel li għandu jipprepara dawn l-offerti mill-ġdid.

16. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-lift tal-Kunsill għandu jiġi ċċertifikat minn Inġinier u li hu mportanti li jkun fih l-autodialer li din trid tiġi nstallata peress li dak li kien hemm ma għadux jiffunzjona. Din ser tiġi tiswa lill-Kunsill €604.33. Il-Kunsill qabel ma dan.

17. Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet lill-Kunsill li l-Fashion Show ser isir aktar il-quddiem f'Settembru 2016. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jinkera sound system, xi dwal, tapit, siġġijiet u jiġu mistiedna żewġ kantanti u Miss Malta 2016.

**8. Ilmenti u suġġerimenti**

1. Saret talba lill-Kunsill li fi Triq Dun Xand Aquilina talbu li jsir disabled Parking Bay wara li din it-triq ingħatat bit-tarmak ġdid. Il-Kunsill qabel li dan id-disabled parking għandu jsir.

2. Saret talba lill-Kunsill biex isir patching ta' ħofra quddiem dar iż-Żernieq fi Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsillier Bajada qal li fi Triq Saguna kantuniera ma Triq it-Tin u fi Triq il-Kbira quddiem l-għassa l-qadima hemm bżonn ta' patching. Il-Kunsill qabel li dawn il-ħofor għandhom jiġu ppeċċjati meta jiġi ordnat il-patching għal Triq Xamgħan.

3. Is-Sinjura Doris Gauci qed titlob li hemm bżonn li tinbidel il-bankina peress li hi perikoluża. Il-Kunsill għandu jara din il-bankina u fil-każ din issir.

**7. Skeda tal-Pagamenti għall-ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta’ pagamenti Nru. 3/2016 u Nru 3B/2016 ta’ M313 (2nd call) biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentata ġew moqrija w aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta’ dawn l-iskedi qed jinhemeżu ma dawn il-minuti.

**8. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fl-4.00 p.m., u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta’ April 2016, fis-2.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | __________________________ |
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |